KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 59**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Vici Sindku
Louise Portelli – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg - Kunsillier
Antonello Cuschieri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 59.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 58 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

## 59.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

59.2.1 Is-Sindku nfurma li d-Dipartiment għadu qed jara min applika għall-Pool tas-Segretarji Prospettivi. Malli l-pool jingħaqad, il-Kunsill ikun jista' joħroġ il-Vacancy għal Segretarju Eżekuttiv.

59.2.2 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa dwar it-tqassim tal-bins minn WastServ. Is-Sindku Christian Sammut spjega li rappreżentanti ta' WastServ tkellmu miegħu u talbu biss post minn fejn jista' jsir it-tqassim. Is-Sindku għamilha ċara li t-tqassim se jsir biss minn WastServ u mhux se jgħabbi lill-istaff b'dan it-tqassim.

59.2.3 Is-Sindku Christian Sammut infurma li għad hemm xi barranin li għadhom mhux jifhmu x'għandu jintrema fil-boroż eżatt. Is-Sindku nfurma li talab lil WastServ sabiex l-inspectors tagħhom mhux biss iduru għall-boroż, iżda jħabbtu l-bibien u jagħtu spjega ta' x'għandu jintrema fil-boroż.

59.2.4 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li kellu bosta talbiet sabiex tiżdied ġurnata oħra għall-ġbir tal-borża l-ħadra. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-iskart riċiklatt jidher li żdied u l-Kunsill għandu jiddiskuti ma' Greenpak il-possibilita' li tiżdied ġurnata oħra.

59.2.5 Is-Sindku Christian Sammut infurma li x-xogħlijiet fuq il-letrina ta' Triq id-Duka t'Edinburgh mixi b'ritmu tajjeb ħafna.

59.2.6 Is-Sindku Christian Sammut infurma li x-xogħol fi Pjazza Kappillan Muscat tlesta. Fil-fatt inxtegħlet il-funtana u l-fanali ukoll. Is-Sindku nfurma li fadal xi bankijiet u bins x'jitwaħħlu, filwaqt li l-permess għall-istatwa nħareġ mill-Awtorita' tal-Ippjanar u qed tinħadem. Huwa mistenni li din l-istatwa tiżżanżan is-sena d-dieħla.

59.2.7 Is-Sindku Christian Sammut nfurma li kellu laqgħa mas-Supretendent Joe Hersey, liema laqgħa qed turi li kien hemm tisħiħ fir-relazzjoni bejn il-Pulizija u l-Kunsill kif ukoll fil-ħidma tal-Pulizija fil-lokalita'.

59.2.8 Is-Sindku Christian Sammut infurma li ntalbet stima għal bosta lampi ġodda.

59.2.9 Is-Sindku Christian Sammut infurma li wara l-Festival taċ-Ċikkulata nqalgħet issue ma wieħed mis-suppliers fejn sab xi platforms neqsin u qed jitlob ħlas ta' € 600. Is-Sindku spjega li hu għandu issue mal-kuntrattur għaliex iħoss li l-Kunsill m'għandux iħallas l-ammont kollu mitlub. Wara diskussjoni dwar din il-kwistjoni, l-Kunsill qabel li l-Kunsill jirrifondi 50% tal-ispiża.

59.2.10 Is-Sindku Christian Sammut infurma lill-membri li matul il-festi tal-Milied se tiżżejjen parti mill-Parroċċa tal-Kunċizzjoni bid-dawl tal-Milied, liema spiża se titħallas mill-ħwienet tal-madwar.

59.2.11 Is-Sindku Christian Sammut fakkar li nhar l-Ġimgħa 14 ta'Diċembru se jinżamm il-Kunċert Annwali tal-Milied bi-sehem tal-Junior College Orchestra. Din is-sena l-Kunċert se jinżamm fis-Santwarju Madonna tas-Samra.

59.2.12 Is-Sindku Christian Sammut infurma li nhar il-Ħamis 13 ta' Diċembru fi Triq Fra Diegu se tinżamm attivita' minn WASP Wine Bar flimkien ma Gaetano Couture.

59.2.13 Is-Sindku Christian Sammut infurma li bħalissa qed isir xogħol fuq il-bankina ta' Triq Santa Marija, liema xogħol jinsab fil-każi finali tiegħu.

59.2.14 Is-Sindku Christian Sammut infurma li jinsab sodisfatt immens bl-attivitajiet marbuta mal-50 Anniversarju tal-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni, liema attivijiet urew l-għaqda li qed tirrenja fil-lokalita'.

59.2.15 Is-Sindku Christian Sammut infurma lill-membri li ltaqa' mal-impjegata Maronia Bonello dwar l-ittra ta' riżenja li ppreżentat lill-Kunsill u jidher li l-issues li kien hemm ġew solvuti bl-aktar mod ċiviku. Fil-fatt l-impjegata Bonello ppreżentat ittra oħra ta' riżenja u dik oriġinali ġiet irtirata. Is-Sindku nfurma li l-impjegata Bonello talbet li tieħu l-vacation leave tagħha, li jammonta għal 88 siegħa minflok taħdem in-notice period. Il-Kunsill evalwa din it-talba u approva li l-impjegata Bonello tieħu t-88 siegħa vacation leave minflok taħdem in-notice period.

59.2.16 Is-Sindku Christian Sammut infurma li kellu laqgħa mal-Kumpanija Faces dwar l-installar ta' Bus Shelters fil-lokalita'. Is-Sindku ppropona li jiġu nstallati dawn il-bus shelters;

- Triq Kappillan Mifsud, ħdejn il-Patrijiet
- Triq il-Kbira San Ġużepp, bejn Daniel's Shopping Complex u HSBC Bank
- Filwaqt li jinbidlu dawk eżistenti fil-Blata l-Bajda, ħdejn il-Park & Ride.

59.2.17 Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ppropona li l-bus shelter eżistenti faċċata ta' Daniel's Shopping Complex jiġi estiż u jsir wieħed akbar, minħabba l-ammont kbir ta' nies li jużaw dan il-bus shelter.

59.2.18 Is-Sindku Christian Sammut infurma li ntalbet stima għar-rinnovar tal-letrina fi Triq il-Ferrovija, liema stima tammonta għal madwar €50,000. Is-Sindku nfurma li dan il-proġett jista' jsir minn fondi tal-Urban Improvement Funds. Il-Kunsill approva dan il-proġett.

59.2.19 Is-Sindku Christian Sammut ippropona li jiġu nstallati CCTV Cameras fi Triq Alexander, minħabba l-bosta abbużi li qed iseħħu.

Is-Sindku Christian Sammut ippropona li jiġu nstallati CCTV Cameras fi Triq id-Duka t'Edinburgh, li tagħti mill-entratura tal-letrina sal-parking tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva li jiġu nstallati dawn is-CCTV Cameras.

**59.3 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

59.3.1 Il-Kunsillier Louise Portelli ġibdet l-attenzjoni li r-residenti qed baqgħu jaqsmu b'mod irresponsabbli mill-kantuniera ta' Triq Ħal Qormi u talbet li ssir crash barrier. Is-Sindku spjega li l-bankina mhiex wiesgħa biżżejjed biex takkomoda crash barrier.

59.3.2 Il-Kunsillier Louise Portelli semmiet il-kwistjoni dwar il-ftuħ tal-ħwienet minn bosta barranin. Is-Sindku spjega li qed isir eżerċizzju mill-Pulizija dwar dan l-issue, fejn qed jinġabru l-permessi u se ssir diskussjoni mad-Diviżjoni tal-Kummerċ.

59.3.3 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li qed ikollu ħafna lmenti dwar rimi ta' skart fi Triq Maitland k/m Triq id-Duluri u talab li ssir tabella biex ma jintremix skart.

59.3.4 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li qed ikollu ħafna lmenti dwar tlajjar, għajjat, storbju u ħmieġ fi Ġnien Oreste Chircop. Is-Sindku nfurma li nnotifika lill-Pulizija dwar dan il-każ, sabiex tiżdied is-sorveljanza fiż-zona.

**59.4 Performance Appraisal Reports – Impjegati**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-Performance Appraisa Reports tal-impjegati

Impjegata 1 – Executive Officer
Impjegata 2 – Executive Officer
Impjegata 3 – Executive Officer
Impjegata 4 – Executive Officer.

Is-Sindku Christian Sammut, fuq rakkomandazzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippropona li l-impjegati jingħataw 6% Performance Bonus.

Il-Kunsill qabel b'mod unaninimu.

**59.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**59.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 8 ta' Jannar 2019 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum, ***it-Tlieta 8 ta' Jannar 2019***

***Iffirmata***
Christian Sammut
Sindku

***Iffirmata***
Karen Camilleri
Deputat Segretarju Eżekuttiv